KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 04

Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Dr Normal Shaw, Raymond Azzopardi, Raymond Attard, Vincent Fabri u Vincent Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 3 li saret nhar Tnejn, 6 ta Mejju, 2013, fil-7.00 p.m kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku nforma li kellu seduta quddiem id-Direttur tal-Kuntratti fejn kien hemm preżenti anke d-Direttur tal-Gvern Lokali. Sar qbil li l-Kunsill mexa bl-iktar mod pratiku w għalhekk għandu jikteb lill-Minstru tal-Finanzi biex jikkonferma dak li ġie miftiehem. Il-Kunsill qabel dwar dan minbarra Raymond Azzopardi.

1.2 Il-Minority Leader għamel kjarifika fil punt li hu xtaq li fil-Belt isir dar għal anzjani w mhux *day care centre.*

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma li wara li saru diversi laqgħat mar-rappreżentanti tal-baned xorta ma ntaħaqx ftehim minħabba li il-Baned qed jitolbu ammont aktar mis-soltu għas-servizz. Kien hemm diżgwid ukoll dwar l- amont ta' bandisti li għandu jkollha kull banda. Għalhekk peress li La Vallette ma' baqgħetx interessata li jsir il-kunċert kif kien miftiehem il-kunċert ġie mħassar.

2.2 Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mad-direttur tal-Commerce Division flimkien mal-Pulizija dwar il-*buskers* fil-Belt. Dan biex wara li joħrog il-permess mill-commerce division dawn iridu jiġu l-kunsill biex isir permess u jingħataw il-post. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru marki fil-paviment biex kull busker ikollu post u l qies ikun kollu l-istess. Għandu jsir standard ta' kif jeżebixxu x-xogħol tagħhom.

2.3 Is-Sindku nforma dwar kif se titqassam is-Summer School din is-sena. Il-Community worker mill-Aċċess bagħtet breakdown ta' affarijiet kif se jsiru. Il-Kunsill talab aktar informazzjoni dwar il-ħarġiet.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa tas-Sindki li kien hemm ġewwa għawdex. Saret diskussjoni dwar il-vot għal zgħazagħ ta' 16 il-sena. Saret diskusjoni dwar kif ser jiżdiedu l-fondi għal kunsilli lokali, w kif is-Seġretarju Parlamentari Dr Herrera ser jagħmel *pressure* meta jkun qed jiġi mfassal il-*budget* .

3.2 Il-Kunsillier Vincent Fabri tkellem dwar l-Attivita *Knights in the City*. Nforma lil kunsill dwar kif ser ikun mqassam l-entertainment fiċ-Ċentru tal-Belt. Il-Kunsillier Raymond Attard tkellem dwar l-inizjattiva li ħa ħsieb hu quddiem il-qorti. Il-Kunsillier Attard tkellem ma dwar kif hu tkellem ma' sid ta' kiosk li jbigħ it-toys kif ukoll ser jarma mejda bil-ħobż biż-żejt. Sar qbil li għandha ssir *walk about* flimkien ma *press conference* biex ninfurmaw dwar din l-attivita.

3.3 Il-Kunsillier Raymond Attard staqsa lis-Segretarja dwar il-Kuntratt tal-ġbir tar-*recycling* li jsir ġol-Belt. Staqsa kif ingħata dan il-Kuntratt u kemm qiegħed jitħallas il-Kuntrattur. Is-Segretarja nfurmat li d-deċizjoni ttieħdet fis-sitt Kunsill - Seduta Nru. 71 tat-Tlieta, 29 ta' Jannar 2013, Minuta 1.3 - Is-Sindku nforma dwar il-gbir ta' skart – Skart għar-riċiklar. Peress li l-offerta tal-*GreenPak* kienet aktar waħda vantaġġjuza kienet ser tingħata l-*go ahead* biex tibda topera. Il-Kunsill qabel dwar dan. Is-Segretarja nfurmat li l-kuntrattur ma' jitħallas mill-Kunsill imma mill-Kumpanija *GreenPak* li qed joffri s-servizz lill-Kunsill. *In return* ir-residenti ser jigwadanjaw min skemi li ser jitħabbru aktar il-quddiem.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Alexandra Pace dwar problema ta' karozzi li qed jiblokkaw biebin ta' djar u negozji. Il-Kunsill qabel li għandu jsir xi tip ta' studju.

4.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Mixja Katekumenali. Dawn ser jirrangaw il-propjeta ġewwa west street. Dawn talbu biex jiġu eżentati mill-permessi kif ukoll mis-CVA. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 5. RESIDENTI

5.1 Tkellem is-Sur Marvic Borg mill-King's Own Band Club dwar diżapprovazzjoni tagħhom li tħassar il-kunċert.

5.2 Tkellem is-Sur John Bonaci dwar kif għandu jitranġa l-*parking* quddiem il-British Hotel u l-Grand Harbour Hotel, dan għaliex il-vanijiet tal-Kumpanija Croce Bonaci qed isibu difikulta' biex jipparkjaw u joħorġu . Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sur Bonaci.

## 6. Amministrazzjoni

6.1 Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra lill-ħwienet dwar il-ħruġ ta' l-iskart ġewwa ċ-ċentru tal-Belt. Dan għaliex qed isir abbuz u l-iskart qed jinħareġ mhux fil-ħin stipulat.

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tnejn 17 ta' Ġunju 2013.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku